**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Ph.D.**

**Appell Nru: 153/2018**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Charles Paul Muscat**

**Illum, 21 ta' Frar 2024**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant, **Charles Paul Muscat,** ta' tletin (30) sena, iben Saviour u Frances nee' Galea, imwieled ir-Rabat, Għawdex, nhar l-10 ta' Frar 1983, residenti fil-fond 'Villa Gnien is-Sultan', Triq Sannat, Sannat, Ghawdex u Ankra Court, Flat 6, Triq in-Narciz, Xlendi limiti tal-Munxar, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 4583G, akkuzat talli fil-lejl ta' bejn l-14 u l-15 ta' April 2013 u fil-granet ta' wara gewwa Marsalforn, Ghawdex u f'postijiet ohra gewwa dawn il-gzejjer, f'hinijiet differenti:

1. Attakka jew għamel reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra l-persuna ta' PS715 Lucian Gatt, PC138 Joseph Portelli u PC870 Ruben Farrugia inkarigati skont il-liġi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu jaġixxu għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħti skont il-liġi mill-awtorità kompetenti (Art. 96 tal-Kap. 9);

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi inġurja, jew hedded, jew għamel offiża fuq il-persuna ta' PS715 Lucian Gatt, PC138 Joseph Portelli u PC870 Ruben Farrugia inkarigati skont il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li kienu jagħmlu jew minħabba li kienu għamlu dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżа' jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz (Art. 95 tal-Kap.9);

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi ma obdiex lordnijiet legittimi tal-awtorita' jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku (Art. 338(ee) tal-Kap. 9);

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi saq vettura bilmutur tal-ghamla Fiat bin-numru tar-registrazzjoni BON114 b'nuqqas ta' kont, bi traskuragni, u b'mod perikoluz (Art. 15(1)(a) tal-Kap. 65);

5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi malli kien qieghed isuq l-imsemmija vettura u waqt li kien riesaq lejn 'pedestrian crossing' naqas li jnaqqas il-velocita' (Art. 89(1) talL.S. 65.11);

6. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi malli kien qieghed isuq l-imsemmija vettura ecceda l-limitu ta' velocita' waqt li kien ghaddej minn gewwa Belt jew Rahal (Art. 127(1) tal-L.S. 65.11);

7. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi saq vettura kontra s-sinjali li kien jindika li ma hemmx dhul (It-Tieni Skeda tal-Kap. 65);

8. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi kiser xi wahda mill-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fid-digriet mahrug nhar it-8 ta' Frar 2011 mill-Magistrat Dr. Edwina Grima LL.D. u hekk kif sussegwentament gew emmendati (Art. 579(2) tal-Kap 9).

U aktar talli fl-24 ta' Mejju 2013 u fil-granet ta' qabel gewwa diversi postijiet f'dawn il-gzejjer f'hinijiet differenti:

9. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi b'qerq ħoloq jew ġiegħel jidher li donnu hemm fatt jew ċirkostanza, sabiex dan il-fatt jew ċirkostanza jkunu jistgħu 'l quddiem jiswew bi prova kontra persuna oħra, bil-ħsieb li b'hekk din il-persuna tkun tista' tiġi kontra s-sewwa akkużata jew misjuba ħatja ta' reat (Art. 110(1) tal-Kap. 9);

10. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi iddenunzja lillPulizija Eżekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq holoq ittraċċi ta' reat b'mod li setghu jinbdew proċeduri kriminali sabiex jiżguraw li dak ir-reat kien sar (Art. 110(2) tal-Kap. 9);

11. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi bil-hsieb li jaghmel hsara lil PS715 Lucian Gatt, PC138 Joseph Portelli, PC870 Ruben Farrugia akkuza lil imsemmija persuni quddiem awtorita' kompetenti b'reat, filwaqt li kien jaf li dik il-persuna hija innocenti (Art. 101(1) tal-Kap. 9);

12. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh ta' PS715 Lucian Gatt, PC138 Joseph Portelli, PC870 Ruben Farrugia weggaghhom bi kliem, b'gesti, b'kitba jew b'xi mod iehor (Art. 252(1)(3) tal-Kap. 9);

13. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi b'xi mezz permezz ta' pubblikazzjoni jew tqassim f'Malta ta' stampat, ikun x'ikun il-post li minnu origina l-istampat, jew bil-mezz ta' xi xandir ghamel malafama lil PS715 Lucian Gatt, PC138 Joseph Portelli, PC870 Ruben Farrugia (Art. 3 u Art. 11 tal-Kap. 248);

Il-Qorti kienet mitluba sabiex tordna r-revoka tal-helsien mill-arrest mill-gdid tal-imputat u kif ukoll tordna li s-somma totali ta' hamsa u ghoxrin elf ewro (€25,000)

imsemmija fl-obbligazzjoni tghaddi favur il-Gvern ta' Malta u dan skont l-Artikolu 579 tal-Kapitolu 9.

Il-Qorti kienet mitluba wkoll illi sabiex f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skont il-ligi tordna wkoll l-iskwalifika tal-licenzja tal-imputat ghal dak iz-zmien li l-istess Qorti jidrilha li huwa xieraq u dan skont l-Artikolu 15(2) tal-Kapitolu 65;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar is-**27 ta' Marzu 2018**, fejn il-Qorti ghal dawk il-motivi ma sabitx lill-imputat hati tat-tieni imputazzjoni u minnha tilliberah, tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tlettax-il imputazzjoni minhabba li din l-akkuza ma kinitx indikat fin-Nota tal-Avukat Generali, sabet lill-imputat hati tal-ewwel imputazzjoni bit-tielet imputazzjoni kompriża mal-ewwel wahda, tar-raba' imputazzjoni bil-hames, is-sitt u s-seba' imputazzjoni kompriża, tat-tmienja, tad-disgha, tal-ghaxar, tal-hdax u tat-tnax-il imputazzjoni migjubha kontrih u wara li Artikolu 17f, 31, 95, 96, 338(ee), 101(1), 110(1), 110(2), 252, 533, 579(2)(3)(4) tal-Kap 9 u Artikolu 15(1)(a), 2 u 3 tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta u Regolament 89(1) u 127(1) tar-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-mutur, Avviz Legali Numru 128 tas-sena 1994 hekk kif gie sussegwentament emendat (L.S.65.11) kkundannat lill-imputat **tmintax-il xahar priġunerija u multa kumplessiva ta' erbat'elef u hames mitt ewro (€4,500).**

Irrizulta ukoll li l-imputat kiser il-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest meta wettaq ir-reat li ghalih jinstab hati ghalih illum. Din il-Qorti ma tistax tqis dan il-ksur bhala xi wiehed zghir. Ghalhekk ladarba l-imputat ghazel li jmur kontra wahda mill-kundizzjonijiet tal-istess libertà proviżorja u kien messu qaghad aktar attent meta kellu c-cans, l-agir tieghu issa jorbot idejn din il-Qorti li ma tistax hlief tikkundannah ghall-agir tieghu.

Kwantu ghal din l-imputazzjoni tmienja (8) filwaqt li rrevokat l-ghoti tal-beneficcju tal-helsien mill-arrest mghoti fit-8 ta' Frar 2011 ordnat l-arrest mill-gdid tal-hati, u ordnat li s-somma totali ta' hamsa u ghoxrin elf ewro (€25,000) imsemmija fl-obbligazzjoni tghaddi favur il-Gvern ta' Malta u dan skont l-Artikolu 579 tal-Kapitolu 9.

Minhabba li l-imputat instab hati ta' sewqan perikoluż il-Qorti skwalifikatu milli jkollu liċenzja tas-sewqan ghal perjodu ta' tnax-il xahar.

In oltre, il-Qorti ordnat lill-Kummissarju tal-Pulizija li x-xhud Sonia Vella tkun investigata dwar xhieda falza li tat f'dawn il-proceduri u jekk jirrizulta jittiehdu passi kriminali kontra taghha.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Charles Paul Muscat, preżentat fir-reġistru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar l-4 ta' April 2018, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha tordna t-tnehhija mill-imsemmi digriet tal-20 ta' Marzu 2018 moghti mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, ta' kull riferenza ghall-email u partikularment ghall-kontenut tal-email tas-Sur Jack Galea indirizzata lill-avukat taghhom Dr. Tonio Azzopardi mibghuta fil-15 ta' Marzu 2018, stante li din hija komunikazzjoni privileġġjata.

**<u>Illi l-aggravju ta' Charles Paul Muscat huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:-</u>**

1. **Illi bid-dovut rispett, l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ghamlet apprezzament żbaljat tal-fatti tal-kaz u sabitu hati hazin:**

Illi l-ewwel Onorabbli Qorti kellha quddiemha żewġ verżjonijiet kontrastanti hafna, u minkejja li kellha quddiemha l-beneficcju tax-xhieda ineceeppibli tal-imputat, korroborata kemm minn huh Roderick Muscat kif ukoll mix-xhieda ineccepibbli ta' Sonia Vella, xorta wahda ghazlet li taċċetta l-verzjoni dolozament ippjanata u orkestrata tat-tliet pulizija tal-Mobile Squad, li wettqu reati gravi li ghalihom ghandhom jitkeccew mill-Korp tal-Pulizija. Qed jinghad "ghazlet li taċċetta": dan però ma jfissirx l-istess haġa bhala 'ghazlet li temmen'. L-Ewwel Qorti ma setghetx emmnet lit-tliet pulizija, meta l-imgieba illegali u antikostituzzjonali taghhom kienet tirrendihom mhux affidabbli, stante li gie abbundantement ippruvat li gidbu konsistentement waqt li x-xhieda li taw bil-gurament.

Umilment qed jiġi sottomess illi meta ġudikat jipprecipita ruhu fuq naha billi jghid li hu ghandu "Zero tolerance" vis-a-vis l-pulizija – meta dak li ghandu quddiemu biex jiġġudika huwa **l-agir tal-imputat u l-agir tal-pulizja** – huwa qed imur kontra l-principju tal-imparzjalita'. Huwa preżunt illi l-gudikant eżamina sewwa l-process kollu qabel ma ghazel liema verżjoni kien ser jhaddan u liema verżjoni kien se jwarrab, u hekk hu; jiġifieri, il-gudikant żgur li qara l-pagni kollha tal-process qabel ma ddecieda l-kaz. Mill-banda 'l ohra, li kieku l-gudikant qara u eżamina tassew il-pagni kollha tal-process, kif seta; ma jirrealizzax illi Charles Paul Muscat ġarrab feriti konsiderevoli waqt li kien taht il-kustodja tat-tliet pulizija li hu kien ghazel li jemmen. Kif seta' ma jirrealizzax illi tliet tobba mill-Isptar Generali kkonfermaw il-griehi li garrba Charles Paul Muscat u ppreżentaw il-clinical notes u r-rapporti mediċi taghhom, li jitfghu dubju enormi fuq il-verzjoni moghtija mit-tliet pulizija li hu kien ghazel li jemmen?

Imma l-ewwel Qorti zgur qrat ix-xhieda ta' PC 155 Charlton Xerri, li kien ghassa mal-Lock up meta nhareg Charles Paul Muscat? Jew striehet ghal kollox fuq in-Nota ta' sottomissjonijiet ta' l-Avukat Mario Scerri li assista lit-tliet pulizija inkriminati?

Illi f'pagna 112 tas-sentenza appellata, l-Ewwel Onorabbli Qorti osservat kif gej:

> ***"F'dan il-kaz kellhom isofru fis-silenzju sa minn April 2013 u mhux biss ghaddew process intern, mhux biss kif inghad hawn saret kawza Kostituzzjonali li tattakka l-hidma taghhom izda f'dan il-process id-difiza tal-imputat inkluz fin-Nota ta' Sottomissjonijiet finali nsiet min hu l-imputat u spiccat ghaddiet guri lill-pulizija li l-Qorti hi konvinta li hamlu xoghlhom."***

Illi meta wiehed jaqra dan il-bran tas-sentenza, meqjus fid-dawl tal-konstazzjonijiet medici dwar il-griehi serji kemm fizici kif ukoll psikologici li garrab Charles Paul Muscat, wiehed ikollu necessarjament jasal ghall-konkluzjoni li l-Ewwel Onorabbli Qorti kienet maqtugha mir-realtajiet ta' dan il-kaz. Hija qalet li d-difiza ghamlet kapovolgiment tal-kwadru emergenti billi "nsiet min hu l-imputat u spiccat ghaddiet guri lill-pulizija".

Izda meta d-difiza rabtet is-sottomisjonijiet taghha mal-provi medici u mal-fatti emergenti illi l-Pulizija pprovaw jahbu, allura l-Ewwel Onorabbli Qorti m'hijiex korretta fil-konkluzjonijiet taghha. Jekk l-Ewwel Onorabbli Qorti "hi konvinta li ghamlu xoghlhom", allura wiehed ikollu inevitabilment jghid illi l-Ewwel Onorabbli Qorti ma afferratx sewwa l-fatti utal-kaz u halliet lilha nnifisha tigi zvijata mill-verzjoni fabbrikata tal-pulizija li xehdu quddiemha. Minkejja dan, kien hemm zewg pulizija li xehdu s-sewwa u l-Ewwel Qorti injorathom: WPC 133 li rat il-hmura fuq daharu (fejn kellu boot print), u l-pulizija tal-lock up PC 155 Charlton Xerri li xehed li ra lil Charles Paul Muscat kellu 'black eye' meta kien qed jinhareg mil-lock up. Allura l-Pulizija mara bin-numru WPC 133 li rat il-hmura fuq daharu vvintat kollox ? It-tliet tobba li xehdu fuq il-griehi, dawn ukoll ivvintaw kollox? U l-Ispettur Frank Tabone li tant rah migugh li ordna lid-driver jibqa' sejjer b'Charles Paul Muscat lejn l-isptar, kien qed jimmagina? Jew l-Ewwel Qorti sabitha bi tqila biex tikkundanna l-agir illegali tal-Pulizija? Dan li gej huwa kliem il-Magistrat Dr.Joe Mifsud f'sentenza ohra simili :

> *"Il-Qorti se tibqa' bil-prattika taghha li turi zero tolerance ghal min jitkessah u ma jurix rispett lejn min qieghed jipprotegi lis-socjeta' mill- hazen. Wiehed ghandu jqis ghemilu sewwa imbaghad ikun inutli li jigi quddiem il-Qorti u jgib skuza jew ohra biex jiggustifika l-ghmeil tieghu."*

Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti kkundannat l-agir ta' Surgent u zewg Kuntistabbli tal-Pulizija li hadu d-decizjoni f'idejhom (huwa evidenti ghaliex ghamlu hekk ) li jaqbdu u jisgassaw l-entratura ta barra l-Block u l-bieb ta' arra ta' l-appartmanet ta' Charles Paul Muscat fis-sighat ta' bil-lejl, minghajr ma talbu struzzjonijiet minghand l-Ispettur Tabone jew minghand is-Supt Simon Galea. Naturalment l-agenda taghhom ma kinitx wahda konformi mal-Ligi u ghalhekk ma talbux il-permess tas-superjuri taghhom biex jisgassaw il-propjeta' privata u jidhlu l-arma tan-nar f'idejhom bil-lejl. Il-Kodici Kriminali f'dawk ic-cirkostanzi jiggustifika bniedem jekk joqtol lil min jidhol fuqu bil-lejl. **L-ewwel Qorti accettat dan l-agir illegali tat-tliet pulizija u qalet li d-difiza ghaddiethom guri. U l-griehi?**

**Il-gerha fuq ghajn Charles Paul Muscat jew 'black eye' kienet diga' hemm meta kien qed jinhareg mil-Lock-up. Allura ma ghamilhielux nannuh Jack Galea, u d-dell li nxetehet fuqu ma kien iggustifikat xejn. Ghalhekk, dik il-gerha, fost diversi ohrajn, saret meta kien ghadu fil-kustodja tal-Pulizija - u mhux kif ikkonkludiet l-Ewwel Qorti. Ma setghetx saret wara. Din il-gerha, fost diversi ohrajn, kienet tezisti meta l-imputat gie kkonsenjat filghodu biex jehduh lejn l-Isptar. Dawn huma karenzi serji fl-analizi maghmula mill-Ewwel Qorti, kif intqal qabel, fost diversi karenzi ohrajn.**

Sentenza bhal dik li nghata fis-27 ta' Marzu 2018, li ma tirrispekkjax il-fatti rizultanti, ma ssirx sentenza gusta, tajba u korretta minhabba li jkun fiha hafna gurisprudenza biex tarrikaha. Fil-fatt, is-sentenza fiha hafna konkluzjonijiet u gurisprudenza, izda ftit analizi approfondita li tkun turi illi l-Ewwel Qorti 'issarat' maz-zewg verzjonijiet konfliggenti biex tara liema wahda minnhom treggi u liema ma treggix. Ghal-ewwel Qorti l-Pulizija ma tizbaljax, is-sentenza tirrepeti dak li qalu u ssottomettew il-Pulizija u l-Avukat Mario Scerri, avolja l-Magistrat kien jaf li qeghdin fil-hazin.

L-Ewwel Qorti lanqas ghamlet l-icken accenn ghax-xhieda korroboratici ta' Roderick Muscat, hu l-imputat, qisha ma kinitx tezisti fil-process.

Anki kieku b'verjonijiet konfliggenti, l-Qorti sabet diffikulta' biex tistabbilixxi b'certezza liema verzjoni hija dik vera, il-Qorti kellha taghti l-beneficcju tad-dubju lill-imputat. Minflok, il-Qorti gibdet il-habel fuq in-naha tal-pulizija, kontra l-provi migjuba u kontra s-sewwa. Kif setghet il-Qorti 'tissara' mal-argumenti validi tad-difiza jekk dawn kienu sorretti bil-provi processwali bhax-xhieda ta' WPC 133 u x-xhieda tal-pulizija tal-lockup? Kif setghet il-Qorti taccetta l-verzjoni tal-pulizija illi Charles Paul Muscat li kien rieqed fis-sodda, qam jirrezisti lil tliet pulziija bl-arma tan-nar f'idejhom meta nafu lil PC Joseph Portelli huwa black belt fil-martial arts? Min seta' jemmen hrafa bhal din? Hadd ma jemmen hrafa bhal din, lanqas jekk wiehed ighid li jemmen hrafa bhala din.

Il-Magistrat skredita wkoll lit-tliet tobba Dr. Ellis, Dr. Borg, u Dr. Frarugia. Huwa qal li hadd minnhom ma xehed li kellu daqqa fuq ghajnejh. Dan mhux minnu. Ir-ritratti juru lil Charles Paul Muscat mindud fuq l-istrecher ta' l-isptar b'daqqa kbira fuq

ghajnu. X'qal il-Magistrat fuq din? Qal li l-Qorti nnominat lil Dr. Mario Scerri MD. X'qal Dr.Mario Scerri fuq din id-daqqa fuq ghajn Charles Paul Muscat? Izda ghall-Ewwel Qorti dina d-daqqa kbira fuq ghajn l-imputat li saret meta kien fl-kustodja tal-Pulizija qisha ma tezistix. Il-Qorti donnha tichad l-ezistenza taghha. Dan huwa l-mod kif l-Ewwel Qorti ttrattat il-kaz u l-provi migjuba mid-difiza. F'seduta minnhom, il-Magistrat Dr. Joe Mifsud qal: "hawn jiena ghall-pulizja biex niddefendihom" u beda jhabbat fuq sidru. Dan l-agir u uzu ta' kliem bhal "zero tolerance" (kliem il-Magistrat Joe Mifsud) meta jaf li l-imputat issawwat mill-Pulizija u spicca xahar l-isptar, ma jmorrux if f'id mal-indipendenza u l-imparzjalita' li suppost intwerew mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) meta iggudikat dan il-kaz. Imhallef eminenti Ingliz, Lord Bacon, darba ghamel din l-osservazzjoni akuta: *"Patience and gravity of hearing is an essential part of justice; and an over-speaking judge is no well-tuned cymbal."*

Iz-zewg emails li ntbaghtu minn Jack Galea u minn Dr. Tonio Azzopardi lill-Kummisarju tal-Pulizija ta' dak iz-zmien Peter Paul Zammit L.P, minflok ma servew biex issir investigazzjoni serja minn persuna imparzjali, servew biex il-Kummisarju kkunsinna kopja ta' l-ilment lill-Ispettur Frank Tabone u dan qrah lit-tliet Pulizija. Dawn orkestraw l-istqarrijiet taghhom biex jigu jaqblu ma' xulxin f'kollox u biex igiddbu lill-imputat. Ahjar ma ntbaghtet xejn, ghax giet f'idejn hziena. L-Ewwel Qorti skartat il-fatt li l-vjolenza tal-pulizija giet denunzjata mil-ewwel 'a tempo vergine'.

L-Ewwel Qorti skartat ukoll il-fatt illi kien Dr. Joseph Giglio li, meta gie kkonsultat minn Sonia Vella dwar il-fatt li Charles Paul Muscat kien qed jigi akkuzat dwar is-sewqan tal-karozza meta kienet hi li saqsitha, baghatha tkellem lil Dr. Tonio Azzopardi bhala avukat difensur ta' l-imputat sabiex tkun tsita' tixhed u tikkonfessa. X'kellu jsir aktar, allura, biex il-Qorti ssir taf il-verita'? Id-difiza kkummentat hekk fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha:

> *"Ghall-kuntrarju ta' Sonia Vella u ta' Charles Paul Muscat, it-tliet pulizija tal-Mobile Squad kemm-il darba sabu ruhhom f'diffikulta waqt il- kontroezami, specjalment meta bdew jigu bbombardjati b'mistoqsijiet fuq l-ghemil illegali taghhom. Meta gew ikkonfrontati bil-provi tal-griehi fuq l-imputat, huma kellhom jirrikorru biex ighidu aktar u aktar gideb taht il-gurament, bit-tama li ma jinqabdux. Huma spiccaw ighidu*

*banalitajiet bhal li Charles Paul Muscat irrezistihom waqt l-arrest, meta wiehed minnhom hu Instructor tal-Martial Arts (PC Joseph Portelli) u huma dahlu b'arma tan-nar f'idejhom. Huwa kien rieqed fid-dlam, liebes biss boxer shorts. Kif jista' bniedem jirrezisti l-arrest meta jittiehed ghall-arrieda waqt li jkun rieqed? Kif seta' biss jahseb li jagħmel rezistenza meta hu kien wahdu, imnezza, u huma kienu tlieta armati qieshom tankijiet tal- gwerra?"*

Hemm bosta indizji li juru li l-imgieba tat-tliet pulizija kienet tikkostitwixxi abbuz ta' poter, izda l-Ewwel Onorabbli Qorti ma kinitx lesta tara xejn iktar hlief li l- pulizija jridu jithallew jaqdu dmirhom minghajr interferenza u ghandhom jircievu l-appogg shih ghax hekk biss jistghu jipprotegu lis-socjeta. Izda r-realta' tal- hajja turi li kultant xi pulizija jizbaljaw b'ghemilhom, u whud minnhom kultant jizbaljaw f'affarijiet kbar u goffi wkoll, bhall-kuntistabbli li allegatament abbuza sesswalment mill-kollegi nisa. Fil-kaz odjern, l-Ewwel Qorti, bil-prekoncett ta' "zero tolerance" ma kinitx lesta tara l-ghemil illegali serju mwettaq minn dawn it-tliet pulizija: l-ewwel meta gidbu u qalu li l-vettura kien qed isuqha l-imputat, mentri Sonia Vella, omm ta' zewg ulied, ammettiet li kienet qed issuqha hi; imbaghad, meta gidbu biex ighattu l-ghemil serjissimu taghhom li jmur kontra l- Kostituzzjoni, liema gideb wassal biex l-Ispettur Frank Tabone johrog akkuzi fabbrikati wkoll ta' kalunja kontra l-imputat.

L-Ewwel Qorti ppreferiet tistrieh fuq ix-xiehda li, skont hi, hija xiehda affidabbli ta' Emanuel Mercieca maghruf bhala Leli l-Malti, junky u gugarell f'idejn il- pulizija. Id-difiza kkummentat hekk fuqu:

*"X'hin fallew, il-pulizija sabu junky, Emanuel Mercieca, li ghal pakkett heroine ibiegh I-ghezez persuna li ghandu. Fil-fatt, l-Ingliza li sabu mejta Marsalforn, li Emanuel Mercieca kien joqghod maghha, ghal darba, darbtejn, kien hadilha I-Cashlink card u gibed ammonti sostanzjali ta' flus biha. Kien hemm zmien meta hi keccietu 'I barra mid-dar u mar jibki ghand Charles Paul Muscat jitolbu allogg ghax ma kellux fejn jogghod, u Charles Paul Muscat li ma jafx ighid le, accettah jorqod ghandu. Sussegwentement, Charles Paul Muscat ukoll kellu jkeccih minn daru ghax ma kienx jinhasel u ulied Charles Paul kienu jgergru minhabba li kien jinten hafna. Ghalhekk, il-pulizija sabu bum tas-socjeta' li f'hajtu ma hadimx minuta xoghol, ghazzien,*

*mahmug, junky, u nqdew fih. Daqshekk jaslu jaghmlu kollox, aktar u aktar jekk weghduh xi haga."*

Barra minn hekk, it-tliet pulizija tal-Mobile Squad xehdu illi r-rikorrent kien ilu '1 fuq minn siegħa għand Emanuel Mercieca, persuna li hu magħruf mal-Pulizija u huwa drug dealer, fid-dar tiegħu ġewwa Marsalforn, dakinhar stess li seħħ il-każ Allura wiehed awtomatikament jistaqsi: kieku dawn it-tliet pulizija kienu ġenwini fil-għanijiet tagħhom, kienu jieħdu struzzjonijiet mingħand is-superjuri tagħhom biex jagħmlu search fid-dar ta' Emanuel Mercieca, fejn kellhom I- opportunita' li jarrestaw żewġ persuni qegħdin jiksru l-liġi u mhux wieħed biss. Huma jridu lill-Qorti temmen illi x'hin Charles Paul Muscat ħareg mid-dar ta' Mercieca grew warajh biex forsi jaqbuh bid-droga fuqu. Din il-verżjoni ma tistax titwemmen għax hija assurda. Qisek qed tgħid li wieħed kellu għasfur f'gaġġa u fetaħlu l-bieba biex itir, imbagħad gera warajh biex jaqbdu! Iridu jitwemmnu meta jgħidu li kellhom fejn jarrestaw żewġ persuni flimkien izda għazlu li jħallu lil wiehed jitlaq minn fejn kien biex imbaghad qagħdu jigru warajh bil-karozza tal-Pulizija u joħolqu periklu fit-toroq. Għalhekk, il-verzjoni li taw it-tliet pulizija fix-xiehda tagħhom hija verżjoni fabbrikata.

Meta wiehed janalizza l-mod kif l-Ewwel Qorti warrbet minn quddiem ghajnejha I-importanza tal-griehi li rrizultaw bl-iktar mod assolut, wiehed jiskanta kif l- Ewwel Onorabbli Qorti strahet fuq ix-xiehda ta' kuntistabbli ghassa mal-lock-up bhal li kieku kien l-iktar xhud indipendenti u attendibbli, u mhux wiehed mill- gemgha ta' pulizija li ppartecipaw fix-xirka tal-gideb:

*"Din ix-xhieda hi importanti ghaliex dan l-ufficcjal kien il-persuna li ha r- responsabbilta' tal-imputat wara li ttiehed mill-ufficcjali l-ohra. Dan I- ufficcjal ghandu responsabbilta' kbira u l-Qorti se taghti piz hafna x-xhieda tieghu. Li kieku l-imputat ilmenta minn xi griehi u ugiegh kien fid-dmir tieghu li jitnizzel dan u jinforma lis-superjuri tieghu dwar dan. Li kieku I- imputat ried jilmenta dwar griehi li skont l-ufficcjal Scerri ma kellux, kellu jinforma b'mod immedjat lil dan l-ufficcjal tal-pulizija jew lil haddiehor u normalment jekk is-superjuri jhossu anke jinfurmaw lill-Magistrat tal- Ghassa biex ikun jista' jahtar*

*espert mediku forensiku biex ikun jista' jinvista lill-imputat u jkun jista' jikkonstata jekk kellux feriti fuqu, jiffotografhom hu u minhabba l-esperjenza li jkollu jista' jaghti dawl dwar minn fejn gew dawn il-feriti.*

Mill-process jirrizulta li kien l-ghada li l-imputat beda jaghmel I- allegazzjonijiet fil-konfront tat-tliet ufficcjali tal-pulizija li kienu arrestawh il-lejl ta' qabel u talab biex jittiehed l-isptar ghall-kura. Kif jirrizulta mix- xhieda tal-Ispettur Frank Tabone kien l-imputat li qabel ma haduh l-isptar il-pulizija kif kien talab huwa ried li jehduh fir-residenza ta' nannuh Gioacchino Galea w insista maghhom li l-isptar ried imur ma' nannuh.

Kif diga' kkummentat il-Qorti dwar il-procedura li ghanda tkun addottata meta jsiru akkuzi bhal dawn, dan sar kontra kull norma tal-Pulizija specjalment meta jsiru allegazzjonijiet ta' swat mill-persuna li tkun tallega li soffriet l-iswat taht arrest. Kien minn hemm li Gioacchino Galea n-nannu tal-imputat mar l-Ghassa tal-Pulizija biex jaghmel rapport ghand l-Ispettur Frank Tabone jallega li neputih kien gie msawwat mill-pulizija. L-Ispettur baghat ghall-imputat u mar jiem wara biex ikellem lill-Ispettur fejn l- istqarrija li rrilaxxa l-imputat lill-Pulizija dwar l-allegat swat kien fl-24 ta' Mejju 2013, aktar minn xahar wara.

F'din il-parti, l-Ewwel Qorti tipprova addirittura taghti l-imbekkata li kien nannuh Jack Galea l-mohh biex l-imputat jispicca bil-feriti li garrab. Barra minn hekk, l- Ewwel Qorti halliet barra l-iktar punt importanti, u cioe' illi b'rizultat tal-griehi u hsara psikologika, bejn il-15 ta' April u l-jum li fih saret l-istqarrija, l-imputat kien dam iktar minn xahar l-Isptar Generali ta' Ghawdex. Ma kienx Ta' Cenc jew il-Kempinski. Hemm tliet tobba li ccertifikaw il-griehi li sofra - Dr Borg, Dr Farrugia u Dr Ellis. Izda ghall-Ewwel Qorti, dawn il-griehi wiehed ghandu jinjorahom ghax ma ntalbitx in-nomina ta' espert mediku mill-Qorti!

L-Ewwel Qorti emmnet ukoll ix-xiehda ta' PS 820 Jonathan Vella li qal li ra lill- imputat jibqa' ghaddej isuq minn fuq pedestrian crossing minghajr ma jieqaf. Dan ukoll qal li gharfu, izda d-difiza ppruvat li hemm iktar mid-doppju tad- distanza li semma hu, u fid-dlam ma setax jidentifika lis-sewwieq. Izda kif seta', minnfejn kien, jidentifika lill-imputat f'dik id-distanza, meta l-vettura kienet qieghda ssuqha Sonia Vella? Dan il-

Pulizija kien l-Ghassa ta' Victoria. Dan qatt ma seta' jara mill-Parapett tal-Ghassa, fi dlam cappa, is-sewwieq ta' karozza ghaddejja lejn Triq Putirjal. Id-distanza li qal hu kienet nofs id-distanza li fil- verita hemm. Il-Perit Ray Agius iccertifika dwar id-distanza u din il-prova giet esibita. PS 820 Jonathan Vella huwa xhud iehor li qed jipprova javalla I-verzjoni inveritjiera tat-tliet pulizija tal-Mobile Squad billi jaghti xiehda inveritjiera.

Is-sentenza infliggiet piena karcerarja ta' 18 il-xahar prigunerija, multa ta' EUR 4,500, telf ta' EUR 25,000 u l-eventwali proceduri tal-Public Service Commission li jwasslu ghat-tkeccija mill-impjieg, fuq bniedem li huwa innocenti tar-reat dwar I-incident tas-sewqan, u inoltre, talli rrapporta lit-tliet pulizija talli arrestawh illegalment u sawwtuh waqt li kien bil-manetti fil-kustodja taghhom, spicca ddenunzjat fuq kalunja. Din mhix il-gustizzja li taf qorti imparzjali.

L-Ewwel Qorti warrbet kollox u skartat kollox. Il-verzjoni tal-pulizija giet accettata minkejja l-hofor li fiha. F'pagna numru 37 tas-sentenza appellata, I- Ewwel Qorti qalet "issa se tanalizza dak li qalu l-ufficcjali tal-pulizija fix-xhieda taghhom f'dawn il-proceduri." Imbaghad, minghajr ma nghataw ir-ragunijiet ghala l-Qorti kienet ser temmen naha u mhux ohra, izda b'doza abbondanti ta' gurisprudenza klassika, ikkonkludiet hekk

> *"(0) fil-lejl ta' bejn l-14 u l-15 ta' April 2013, kien l-imputat li kien barra mid-dar tieghu wara nofsillejl bi ksur tal-kundizzjonijiet tal-liberta provvizorja li ried ikun rinkazat sa mhux aktar tard minn nofsillejl;*
>
> *(ii) kien l-imputat li meta nizel minn Triq ix-Xtut ghal Triq Santa Marija, Marsalforn, saq kontra s-sinjal tal-one-way meta kiser u dar ghal- lemin tat-triq meta hemm tabella wkoll li turi car li m'hemmx no right turning,*
>
> *(iii) kien l-imputat li ma waqafx fuq l-istop sign, u ma naqqasx il- velocita' tas-sewqan tieghu fuq il-give way signs jew pedestrian crossings fi Triq Il-Kapuccini, fl-inkrocju ta' Triq ir-Repubblika, u Triq Taht Putirjal, Victoria;*

*(iv) kien l-imputat li saq b'velocita' eccessiva fi Triq Manwel Magro, hdejn ir-roundabout ta' Triq ir-Rabat, Marsalforn, fi Triq ir-Repubblika, u fi Triq Taht Putirjal;*

*(v) kien l-imputat li saq ghal fuq PC870 Ruben Farrugia kif rah hareg mill-karozza;*

*(vi) kien l-imputat li naqas li jobdi l-ordnijiet legittimi tal-pulizija, u harbilhom;*

*(vii) kien l-imputat li irrezista l-arrest."*

Dawn kienu kollha punti kkontestati, izda l-Ewwel Qorti accettat kollox minghajr ma 'issarat' mad-difiza li giet sollevata mill-imputat. Kollox kien 'a foregone conclusion f'mohh I-Ewwel Qorti.

Dwar l-ahhar wahda, per ezempju - Kif tista' persuna li kienet rieqda fid-dlam fis-sodda bil-boxer shorts (hija gidba li kien hemm insegwiment wara l-imputat) jirrezisti l-irruzzjoni fid-dlam minn 3 pulizija bl-arma tan-nar f'idejhom, u wiehed minnhom Instructor/black belt fil-martial arts? Min kien ser tghaddilu minn rasu li jipprova jirrezistihom? Trid tkun fi stat mentalment alterat biex taghmel haga bhal din. Issa Charles Paul Muscat kien jaf lil dawn il-pulizija, b'mod partikolari lil PC Joseph Portelli, I-Instructor fil-martial arts, u allura kien jaf li mhux il-kaz li tipprova tirrezistih. Eppure, l-Ewwel Qorti qalet li rrezista l-arrest. Dan meta kien immanettjat b'dirghajh wara dahru, u qeghduh spreadeagle ma' l-art b'saqajh miftuhin berah, habbtulu rasu mal-art u sawwtuh. Minflok ma giet apologija mill-Kummissarju tal-Pulizija u passi dixxiplinarji, jekk mhux ukoll proceduri kriminali, kontra t-3 pulizija, giet din is-sentenza ingurjuza.

Tant l-Ewwel Onorabbli Qorti ghamlet analizi zbaljata tal-kaz kollu illi ma fehmitx li Charles Paul Muscat fl-istqarrija tieghu ma riedx jikxef x'ghamlet Sonia Vella u allura vvinta xi haga biex ma jgibhiex fl-inkwiet mal-Pulizija. Allura mbaghad, ladarba l-Ewwel Qorti ma fehmitx dan il-punt, ikkummentat hekk:

*"Il-Qorti tinnota kuntrast f' dak li qal l-imputat a tempo vergine ftit sighat wara l-kaz u dak li qal fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti. L-imputat kien jaf min hadlu c-cwievet u l-mobile kif iddikjara fix-xhieda tieghu quddiem il-Qorti jew ma kienx jaf min hadomlu kif iddikjara fl-istqarrija li ta lill-Pulizija?"*

Lill-Ewwel Qorti sfuggielha jew ma okkorrilhiex il-punt li Charles Paul Muscat pprova ma jgibx lil Sonia Vella fl-inkwiet. Kompliet tirrimarka zbaljatament -

*"Ix-xhieda ta' Sonia Vella li lill-imputat haditlu c-cwievet tal-karozza u l- mobile biex semplicement marret dawra mix-Xlendi sa Marsalforn u lura u mbaghad erhitilha ghall-port tal-Mgarr bil-mixi biex taqbad il-vapur ghal Malta u ghaddiet minn fuq il-blat min-naha tal-Munxar minflok ma qabdet I-iqsar rotta, mit-Triq tax-Xlendi, ma taghmilx sens u mhix titwemmen. Ix-xhieda taghha hi kontradetta mix-xhieda tal-erba' ufficcjali tal-pulizija PS715, PC138, PC870, u PS820 li dak il-lejl gharfu lill-imputat li kien isuq il- karozza u mhux hi u mix-xhieda ta' Emanuel Mercieca li xehed li dak il-lejl kien l-imputat biss li cempillu u mar ikellmu. Ix-xhieda taghha mhi bl-ebda mod korroborata mill-verzjoni li ta l-imputat waqt l-istqarrija li kien irrilaxxa lill-Pulizija meta mar jirraporta u ghamel allegazzjonijiet serji dwar swat u tortura fuqu fil-konfront ta' tliet ufficjali tal-pulizija. Il-Qorti se tordna li Sonia Vella tkun investigata dwar xhieda falza li tat f' dawn il-proceduri."*

Hlief ghal dina l-parti isolata ta' l-istqarrija, l-istqarrija hija ineccepibbli. Minkejja li saret b'4 investigaturi jibbumbardjawh bil-mistoqsijiet u b'konfrontazzjonijiet mat-3 pulizija tal-Mobile Squad, I-imputat xorta kien konsistenti f'dak kollu li qal. Kuntrarjament ghal dak li jinghad fis-sentenza appellata, fix-xiehda tieghu quddiem il-Magistrat, l-imputat kien konsistenti matul id-deposizzjoni shiha tieghu, u inoltre, ix-xiehda tieghu kienet korroborata minn Sonia Vella u korroborata bic-cirkostanzi kollha li saret riferenza ghalihom fin-Nota ta' sottomissjonijiet tieghu, bhall-hsarat fil-bieb tal-Block u fil-bieb ta' barra ta' l- appartament, kif ukoll il-provi medici dwar il-griehi. Jekk il-griehi kienu ben dokumentati fir-rapport medici tat-3 tobba, u jekk it-tliet tobba kienu sejrin jissejjhu bhala xhieda fil-proceduri kriminali jew mill-

prosekuzzjoni jew mid- difiza, ghalfejn kellha ssir talba ghall-hatra ta' espert mediku? L-argumenti ta' l- Ewwel Qorti mibnija fuq, u madwar, dan il-punt huma argumenti skorretti, specjuzi u bir-rispett kollu mibnija fuq ix-xejn, ghaliex l-ebda qorti ma tista' tasal ghal konkluzjoni dwar responsabilita' kriminali billi tibbaza fuq argumenti bhal dawn.

2) It-tieni aggravju tal-esponent jikkonsisti fil-mod kif l-Ewwel Onorabbli Qorti ttrattat hwejjeg li kienu favur l-imputat u rrizultaw minghajr ebda dubju mill-provi, fosthom (a) I-irruzzjoni tal-pulizija fir-residenza privata tal-imputat minghajr awtorizzazzjoni u minghajr htiega valida fil-ligi, (b) is-swat kommess minn dawn it-tliet pulizija, u (c) il-mod kif giet imwarrba l-evidenza tal-griehi li jidhru fir-ritratti. Dan I-aggravju jolqot ukoll l-'issue' tan-nuqqas ta' indipendenza u imparzjalita tal-Magistrat Dr. Joe Mifsud.

Minflok ma l-Qorti staqsiet lilha nnifisha: Kemm nista' norbot fuq ix- xiehda ta' dawn it-tliet pulizija li sawwtu lill-imputat u xehdu l-falz fuqu, in vista tal-griehi li rrizulta li kellu, u meta dawn ighidu li hadd minnhom ma sawwtu u ighidu li l-vettura kienet misjuqa mill-imputat? Jirrizulta illi I- Ewwel Qorti striehet cjekament fuq il-verzjoni falza ta' dawn it-tliet pulizija li zbaljaw!

Rigward il-griehi riskontrati, I-espert forensiku Tabib Mario Scerri ikkonferma bil-gurament hekk:

*Dawn ir-ritratti jidhru illi kellu tbengila fuq in-naħa tax-xellug tal-wiċċ, b'haematoma, pereama haematoma kompatibbli ma' blunt trauma magħmula minn stumenta li ma jaqtax u bla ponta jew ħabta ta' ras ma' strument li ma jaqtax u bla ponta. Kellu abrażjoni fuq in-naħa ta' wara tad-dahar, tal-parti ta' fuq tad-dahar li kellha qoxra xotta li ma kinitx distakkata, allura kienet friska u kienet kompatibbli ma' girfa. Imbagħad fuq l-aspett posteru laterali tas-sider kellu areas ta abrażjonijiet li kellhom pattern li dawn l-abrażjonijiet kienu parallel, bi dritt xulxin, assoċjati ma' tbengila ta' kulur hamrinija tagħti fil-vjola. Dawn kellhom pattern li kien jixbah qiegħ ta' żarbun jiġifieri kellu foot imprint. Mela bażikament kellu dan il-foot imprint,*

*kellu girfa f' dahru u kellu a peraorbital haematoma fuq in-naħa tax-xellug assoċjata nefħa u tbengila, skont dejjem dawn ir-ritratti, li kienet kompatibbli ma' blunt trauma.*

Anki fejn wiehed mill-pulizija ammetta li PC Portelli tella' siequ biz-zarbuna tas-servizz fuq dahar Charles Paul Muscat, wara li mmanettjawlu idejh wara dahru u saret il-boot print li ssemmiet mit-Tabib Mario Scerri, li tidher fir-ritratti u li xehdet dwarha WPC 133, xorta wahda l-Magistrat qal li ma giex imsawwat u li wettaq kalunja fuq dawn it-tliet pulizija. Dan hu, bir-rispett kollu, assurd. Allura d- daqqa kbira fuq ghajnu li tidher meta gie ffotografat min-Nurse fuq l- istretcher fl-Isptar Generali, din ghamilhielu nannuh Jack Galea? Il-gudizzju tal- Qorti m'ghandux ikun offuskat izda imparzjali - u fil-kaz prezenti certament ma kienx hekk. L-Ewwel Qorti sa waslet biex qalet li l-imputat kien mghejjun minn nannuh, li kien forcina ghalih biex jaghmel lilu nnifsu "untouchable". Tassew sentenza ingurjuza. Kemm sar diskors fuq l-imputat u nannuh minn wara daharhom!

L-Ewwel Qorti qalet li l-email mibghuta lil Peter Paul Zammit, il-Kummissarju tal-Pulizija ta' dak iz-zmien, kienet ingurjuza u tikkostitwixxi kalunja. Dan ghax l-imputat bl-ghajnuna ta' nannuh Jack Galea rrapporta lil dawn it-tliet pulizija lill-Kummissarju talli wettqu illegalitajiet u kisru l-Kostituzzjoni. L-esponent jistaqsi jekk persuna li ggarrab illegalitajiet u ksur tal-Kostituzzjoni ghandhiex id-dritt u d-dmir li tirrapporta lill-ufficjali koncernat lis-superjur taghhom? II-Magistrat Dr Joe Mifsud, f'sentenza ohra simili, jirrispondi hekk:

> "*Min mill-Korp tal-Pulizija jabbuza u ma jimxix mal-gurament li ha meta nghata l-hatra jezistu l-istrutturi necessarji fejn wiehed jista' jilmenta u jekk jirrizulta li kien hemm abbuz jittiehdu passi kemm dixxiplinarji u anke kriminali fil-konfront ta' dawk li jabbuzaw mill-pozizzjoni taghhom.*"

Proprju hekk ghamlu Charles Paul Muscat, nannuh Jack Galea u l-Avukat taghhom, u r-rizultat kien li l-Ewwel Qorti ddikjarat lill-imputat hati ta' kalunja fiz-zewg forom taghha (imputazzjonijiet numri 9 u 11) u ta' ingurja (imputazzjoni numru 12), kif ukoll ta' simulazzjoni ta' reat (imputazzjoni numru 10). L-esponent ihoss li dan kollu kien assolutament zbaljat. Barra minn hekk, dan kollu jkollu 'a chilling effect' fuq kull min ihoss li ghandu jirrapport ufficjal tal-pulizija lis-superjuri tieghu. Dak li jkun ighidlek 'ha noqghod attent li ma mmurx insib ruhi akkuzat ta' 4 reati talli rrappurtajt pulizija li kiser il-ligi lis- superjur tieghu', u jbati c-cittadin minhabba sentenza zbaljata.

Il-pulizija xehdu li ghamlu insegwiment, bil-vettura l-ohra quddiem u huma jsuqu warajha. Allura kif sabu l-vettura pparkjata x-Xlendi, I- appartament mitfi fid-dlam u lil Charles Paul Muscat bil-boxer shorts fis- sodda? Dan kollu ma kellux juri lill-Magistrat u lil kulhadd li hemm xi haga ma tinkwadrax? Ghalfejn il-Magistrat ghazel li ma jemmen xejn min-naha ta' Charles Paul Muscat? Lanqas il-kontenut tal-email li ntbaghatet a tempo vergine lill-Kummissarju tal-Pulizija ma emmen! Lanqas ir-rapporti medici tat- tobba ma emmen! Lanqas ix-xiehda bil-gurament tat-tobba ta' l-Isptar Generali ma emmen! Lanqas ir-ritratti ma emmen. Lanqas il-hsarat li saru mill-pulizija biex zgassaw l-appartament. Lanqas il-konfessjoni min-naha ta' Sonia Vella ma emmen! B'danakollu, ghazel li jemmen lit-tliet pulizija u x-xirka tal-gideb:

> "*m'ghandhiex ghaliex tiddubita mix-xhieda li taw l-erba' ufficcjali tal- Pulizija PS715, PC138, PC870, u PS820 dwar il-fatti kif sehhew.*"

Bid-dovut rispett, hemm xi haga serjament zbaljata f'dina l-valutazzjoni tal-provi processwali, u ghalhekk qed jinghad illi l-Ewwel Qorti zbilancjat ruhha u ma kienx hemm imparzjalita shiha fil-gudizzju maghmul mill-Ewwel Qorti.

Konsegwentement, wiehed ikollu necessarjament jistaqsi: L-Ewwel Onorabbli Qorti kif ittrattat il-kwistjoni tal-irruzzjoni fil-flat tal-imputat, bil-lejl, bl-arma tan-nar

f'idejhom, u, fuq kollox, minghajr ma fittxew li jiksbu l-awtorizzazzjoni tas-superjuri taghhom?

It-twegiba hi li l-Ewwel Qorti lanqas biss dahlet fuq hekk u ma ezaminathiex, bhal qiesu dawret wiccha jew ghalqet ghajnejha. Naturalment, l-irruzzjoni li saret mit-tliet pulizija illegalment fis-satra tal-lejl f'abitazzjoni privata bl-arma tan-nar ghal-lest thassar it-tpingija ta' "*zero tolerance*" favur il-membri tal-Korp tal-Pulizija li l-Magistrat Dr. Joe Mifsud stqarr minn fuq it-tribuna "hawn jien ghalihom il-pulizija biex niddefendihom" waqt li beda jhabbat fuq sidru. L- esponent qed ighid dan b'dispjacir, izda ma jistax ma jsemmix dan kollu bhala prova ta' zbilanc.

L-Ewwel Qorti sahansitra waslet biex qalet, fir-rigward tat-tliet pulizija li wettqu atti illegali u antikostituzzjonali, li sofrew ghal diversi snin fis-silenzju!!

> *"F'dan il-kaz kellhom isofru fis-silenzju sa minn April 2013 u mhux biss ghaddew process intern, mhux biss kif inghad hawn saret Kawza Kostituzzjonali li tattakka l-hidma taghhom izda f'dan il-process id- difiza tal-imputat inkluz fin-Nota ta' Sottomissjonijiet finali nsiet min hu l- imputat u spiccat ghaddiet guri lill-pulizija li l-Qorti hi konvinta li ghamlu xoghlhom."*

L-Ewwel Qorti, fost dan il-kliem, qalet li "*ghaddew process intern*". Dan mhux biss ma jirrizultax mill-atti tal-kawza, izda talli lanqas ma hu veru: semplicement intalbu jaghmlu stqarrija u t-tliet stqarrijiet gew esibiti mill-Ispettur Frank Tabone. Is-superjuri taghhom qalu li mhu se jsir xejn jekk ma jkunx hemm decizjoni tal-Qorti. Fil-fatt, irrizulta fil-kawza Kostituzzjonali li l-Pulizija ma hadet l-ebda passi fir-rigward taghhom. Ghalhekk mhux minnu li "ghaddew process intern." Wiehed jistaqsi, allura, x'informazzjoni nghatat l-Ewwel Qorti u minn min.

L-ebda liġi f'Malta ma tippermetti imġieba bħal din mingħajr ġustifikazzjoni. Id-daqqiet li tawh, kompriża waħda qawwija fuq għajnu, u t-tisbit ta' rasu mal-art kienu l-apiċe tal-vjolenza mwettqa mill-pulizija. Dawn kienu jafu li qegħdin jiksru l-liġijiet tal-pajjiż kif ukoll id-drittijiet fondamentali tar-rikorrent. Iżda lanqas biss taw każ ta' dak li jista' jiġi fuqhom jekk jinqabdu li ġabu ruħhom b'dak il-mod. Sawwtu lill-esponent ukoll wara li mmanettjawlu idejh it-tnejn 109 wara dahru. Dan l-abbuz ta' poter bl-użu tat-tortura m'għandux jithalla jsir impunement. Fil-kaz ta' dawn it-tliet 'pulizija, I-uniformi tal-Korp tal- Pulizija tittebba meta jxidduha huma. Ironikament, li kieku ma kienux pulizija, li ġew protetti mill-Ispettur Frank Tabone, mis-Suprintendent Simon Galea, mill-Kummissarju tal-Pulizija Peter Paul Zammit u mis-Suprintendent tal- Internal Affairs Unit Mario Spiteri, dawn it-tlieta għaddew guri fuq tortura, theddid u griehi lil persuna innocenti, bil-manetti, waqt li kienet rieqda u indifesa fid-dar tagħha fil-ħin li huma sfrundaw ir-residenza tagħha u daħlu fuqha bl-armi tan-nar ikkargati f'idejhom. Iktar ma wieħed jirrifletti fuq dan il- każ, iktar wieħed jintebah kemm għandu implikazzjonijiet serji fuq kulħadd! Bejn Charles Paul Muscat u wrongful conviction, issa hemm biss din l-Onorabbli Qorti kif presjeduta.

Barra minn hekk, wiehed jistaqsi wkoll minn fejn originat din li "l-imputat jahseb li hu "*untouchable*" bil-barka u l-appogg ta' nannuh Jack Galea". L-esponent jaf precizament minn fejn originat din u jkollu l-opportunita li jghid iktar il quddiem meta jkun qed jittratta l-issue tan-nuqqas ta' indipendenza u imparzjalita' tal-Ewwel Onorabbli Qorti. Kif intqal qabel, sar hafna diskors fuq l- imputat u nannuh Jack Galea minn wara daharhom.

Il-kwistjoni ta' nuqqas ta' smiegh xieraq minhabba l-attitudni tal-gudikant gieli qamet f'kawzi barra minn Malta. Lord Denning, f'kawza simili ghal dik prezenti, qal hekk:

> "*... The judge acted with a firmness which became him. As it happened, he went too far. That is no reproach to him. It only shows the wisdom of having an appeal.*"

Lord Greene, M.R. ghamel is-segwenti osservazzjoni:

> *"... Justice is best done by a judge who holds the balance between the contending parties without himself taking part in their disputations...*

u jekk jonqos f'dan is-sens,

> *"he, so to speak, descends into the arena and is liable to have his vision clouded by the dust of the conflict. Unconsciously he deprives himself of the advantage of calm and dispassionate **observation**...."*

Ghalhekk, din l-Onorabbli Qorti ghandha ssib konfort f'dan il-kliem ta' Lord Denning fil-kaz **Jones v. National Coal Board**, 1957:

> *"We much regret that it has fallen to our lot to consider such a complaint against one of Her Majesty's judges; but consider it we must, because we can only do justice between these parties if we are satisfied that the primary facts have been properly found by the judge on a fair trial between the parties...."*

Imbaghad **Lord Denning** kompla jirrimarka:

> *"Such are our standards. They are set so high that we cannot hope to attain them all the time. In the very pursuit of justice, our keenness may out-run our sureness, and we may trip and fall. That is what has happened here. A judge of acute perception, acknowledged learning, and actuated by the best of motives, has nevertheless himself intervened so much in the conduct of the case... these complaints are, we think, justified.*
>
> *In these circumstances, we think we must grant the widow a new trial. There is one thing to which everyone in this country is*

> *entitled, and that is a fair trial at which one can put his case properly before the judge.... No cause is lost until the judge has found it so; and he cannot find it without a fair trial, nor can we affirm it....*
>
> *We have come to the conclusion with much regret that the only thing we can do in this case is to order a new trial. We allow the appeal accordingly.*

Rat l-atti tal-kawza inkluz id-dokumentazzjoni esebita u x-xhieda mismugha mill-ewwel Qorti.

Rat illi nhar is-26 ta' Ottubru 2018 il-partijiet kienu dehru quddiem din il-Qorti diversament preseduta u ittrattaw ir-rikors tal-appell u l-kawza giet differita ghas-sentenza

Rat il-verbal ta' din il-Qorti ukoll diversament preseduta data 6 ta' Frar 2023 fejn dik il-Qorti ordnat is-sospenzjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza peress illi dan l-appell kien qed jinstema minn din il-Qorti diversament preseduta. Dakinhar giet esebita l-fedina penali aggornata tal-appellant u giet markata bhala Dok X. Dik il-Qorti nnotat li l-kumpilazzjoni ta' din il-kawza bdiet u kompliet tinstema minn din il-Qorti meta kienet ghadha fil-vesti ta Magistrat b'dan illi l-Qorti nnotat ukoll illi fil-vesti ta' Magistrat dik il-Qorti kienet hadet numru ta' provvedimenti in segwitu ta' numru ta' talbiet li kienu saru b'mod partikolari mill-appellant *qua* imputat anke ukoll meta saret talba ghal referenza Kostituzzjonali. Ghalhekk dik il-Qorti dehrilha ghal dawn ir-ragunijiet imsemmija li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' dan l-appell u dana fid-dawl ta' dak li jiddisponi l-artikolu 734 (1) (d) (1) tal-Kap 12 tal-ligijiet ta' Malta sabiex dan l-appell ikun jista jigi assenjat lil dik il-Qorti kif diversament preseduta.

Rat id-digriet ta' Assenjazzjoni tal Prim Imhallef datat 16 ta' Frar 2023[1] fejn ordna li din l-kawza tigi assenjata lil din il-Qorti kif preseduta.

Rat id-digriet mahrug minn din il-Qorti kif preseduta nhar it-22 ta' Frar, 2023 fejn rat li fl-inkartament li gie moghti lilha hemm divesi pagni li huma neqsin mill-process u cioe minn fol. 767 sa fol. 1078 ( 311 pagni). Ili din il-Qorti ma setghetx tikkonferma jekk effettivament dan l-inkartament kienx quddiem l-ewwel Qorti qabel ma inghatat is-sentenza taghha nhar is-27 ta' Marzu, 2018. Illi din il-Qorti dehrilha li qabel ma jkollha l-atti kollha kompilatai ma hiex f'pozizjoni li tappunta l-appell li gie intavolat stante li l-gudizzju taghha ma jkunx wiehed integru. Ghalhekk ordnat komunika tal-verbal taghha lid-Direttur tal-Qorti Kriminali f' Ghawdex u Malta bil-ghan li l-process jigi kolli rikostruwit sabiex b'hekk il-Qorti tkun f'pozizzjoni li tappunta dan l-appell. Gie rilevat ukoll li dan l-appell kien ilu li gie intavolat minn April 2018 u li kien ilu differit ghall-prolazzjoni tas-sentenza sa mis-26 ta' Ottubru, 2018 u ghalhekk ordnat li d-digriet jingieb a konjizzjoni tal-Prim Imhallef.

Rat id-digriet taghha tat-22 ta' Awwissu 2023[2] fejn ordnat lid-Direttur tal-Qorti u Tribunali Kriminali ta' Ghawdex tidher quddiemha fis-seduta li jmiss u cioe nhar l-4 ta' Settembru, 2023 sabiex tinfurmaha jekk l-atti neqsin mill-process kienux gia nieqsa qabel ma inghatat is-sentenza mill-ewwel Qorti. Ordnat ukoll sabiex jidher quddiemha is-Supretendent tal-Ghassa tal-pulizija tar- Rabat, Ghawdex sabiex jinfurmaha dwar l-ezitu tal-procedura li qed tinstema fi forma ta' inkjesta fil-Qorti tal-Magistrati ta' Ghawdex f'hiex waslu sabiex b'hekk din il-Qorti tkun tista tissokta bis-smiegh ta' din il-kawza.

[1] Fol. 1204 tal-atti
[2] Fol. 1228 tal-atti

Rat illi fl-4 ta' Settembru, 2023[3] semghet lis-Supretendent Joseph Hearsey jixhed u jikkonferma li kienet infethet Inkjesta Magisterjali in konnessjoni mal-fatt li kienu ghosfru xi karti u dokumenti mill-process n kwistjoni. Qal li kienu bdew l-istharrig taghhom u anke ghamlu xi *searches* gewwa l-ufficcini ta' xi Magistrati, tkellmu ma diversi nies, ma xi cleaners u ma xi impjegati tal-Qorti izda kien ghadu ma irrizulta xejn mill-investigazzjoni. Qal ukoll li fl-opinjoni tieghu l-inkartament x'aktarx ghosfor wara li inghatat is-sentenza tal-ewwel Qorti ghalkemm kienet biss opinjoni tieghu.

Rat il-verbal datat 30 ta' Ottubru 2023[4] fejn Dr Tonio Azzopardi qara nota prezentata minnu fejn spjega is-segwenti:

> *Dr Tonio Azzopardi ghad-difiza iddeplora bil-qawwa kollha l-attakk dirett kontra d-difiza ta Charles Paul Muscat bl-ghejbien ta 311 pagni tal-process fejn kien hemm il-provi kollha tad-difiza u stieden lill-prosekuzzjoni tinghaqad mieghu fil-kundanna ghall-ghejbien ta' 311 pagni minn dan il-process kriminali. Id-difiza irrilevat illi dawn il-proceduri kriminali ndew fis-sena 2013 wara akkuzi foloz u wara li l-imputat gie imsawwat brutalment minn tlett pulizija u dan kif jirrizulta mix-xhieda ta' xejn inqas minn tliet tobba u mir-ritratti esebiti li gew mehudin waqt li l-imputat kien rikoverat l-isptar minhabba l-griehi li kellu. L-inkartamenti bil-volum li jikkoncerna l-proceduri fi stadju ta' l-Appell gie enumerat bin-numru 4 mhux 5. Dan ukoll jindika li t-tliet mija u hdax-il faccata (311) li fihom kien hemm il-provi tad-difiza kienu gja naqsu meta ntefah il-folder isfar u nkiteb in-numru 4 fuqu ghall-inkartament tal-appell. Ghalhekk jibqa jesisti dubju serju kemm fil-verita l-volum bil-pagni 767 sa 1078 kien quddiem il-Magistrat meta inkitbet is-sentenza. Seta kellu traskrizzjoni ta' seduta wahda u kkwota minnha minghajr ma kellu quddiemu l-kumplament tal-provi tad-difiza fosthom ix-xhieda ta' hu l-appellant.*

[3] Fol. 1236 ta-atti
[4] Fol. 1243 tal-atti

*Kompla jghid li il-fatt li infethet Inkjesta Magisterjali ma jtaffi xejn bl-edba mod il-fatt illi d-dritt tal-appellant ghal smiegh xieraq fi zmien ragonevoli qed jigi vjolat. Tenut kont tac-cirkostanzi kollha bir-rispett jigi sottomess illi jinkombi fuq din l-Onorabli Qorti l-piz li taghmel dak li l-Konvenzjni Ewropeja tirrikjedi minnha sabiex dawn il-proceduri li gew prezentati quddiem din l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali diversament komposta fl-4 ta' April, 2018 jigi fi tmiemhom minnufih b'dikjarazzjoni ta' Nolle Prosequi mill-Avukat Generali sabiex il-vjolazzjoni tar-reasonable time requirement ma tibqax tissussiti bi ksur tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijeit tal- Bniedem.*

*L-appellant qed jirriserva kul dritt spettanti lilu komprizi d-danni."*

Rat dak li gie verbalizzat mill-Qorti fl-istess seduta u cioe li:-

*"Il-Qorti rat illi filwaqt li huwa minnu li dawn il-proceduri gew intavolati mill-prosekuzzjoni f'April tas-sena 2013, din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'Digriet ta' Assenjazzjoni mis-Sinjorija Tieghu il-Prim Imhallef nhar is-16 ta' Frar 2023.*

*Illi minnufih din il-Qorti hadet konjizzjoni ta' dan il-process u nhar it-22 ta' Frar 2023 u cioe gimgha wara l-assenjazzjoni taghha hija harget digriet fejn kienet hi stess li rrilevat dan in-nuqqas u li effettivament irrilevat ukoll li mhiex f'posizzjoni tikkonferma jekk l-inkartament li illum jinsab nieqes kienx quddiem l-ewwel qorti meta din giet biex taghti is-sentenza taghha.*

*Din il-qorti ukoll bhall-avukat difensur tikkundanna dan il-fatt u cioe dwar l-ghejbien ta' dokumenti mill-process tal-qorti, u hu ghalhekk li hi stess ordnat lid-Direttur tal-Qorti Kriminali sabiex taghmel l-almu taghha sabiex il-process jerga jigi riintegrat. Illi jirrizulta li din il-Qorti illi d-Direttur ma kellhiex gharfien dwar l-ghajbien ta' dawn id-*

*dokumenti u ghalhekk minnufih din il-Qorti ordnat li jkun hemm rapport lill-pulizija esekuttiva biex tinfetah inkjesta relattiva.*

*Illi in segwitu din il-qorti giet mgharfa mix-xhieda tas-supretendent Joseph Hearsey illi l-Magistrat Dr Simone Grech fethet inkjesta relattiva liema inkjesta ghadha sub judice.*

*Illi ghalhekk fin-nuqqas ta' tali dokumentazzjoni din il-Qorti kif preseduta mhiex f'posizzjoni li tirregistra progress fl-andament ta' din il-kawza molto piu qabdel din l-istess inkjesta tigi maghluqa.*

*Il-Qorti giet mgharfa ukoll tramite ir-registratur taghha li fil-mori tal-proceduri pendenti quddien din il-Qorti hija irnexxilha tintralcja numru ta' dokumenti li setghu kellhom l-originali taghhom esebiti f'dawn l-atti u li jiffurmaw parti minn dawk it-311 pagni li ghosfru.*

*Ghalhekk tissolecita lill-partijiet t'a din il-kawza sabeeix flimkien kif ukoll mar-registratur tal-Qorti jaghmlu l-almu taghhom sabiex jirripristinaw il-process fl-istat li kien qabel ma gie mghoddi lil din il-Qorti.*

*Dan qed jinghad bla pregudizzju ghal kwalsiasi azzjoni li l-istess akkuzat ihoss li ghandu jiehu fic-cirkostanzi li jinsab fihom illum il-gurnata"*

Rat il-vernal datat 6 ta' Dicembru 2023 fejn il-Qorti giet mgharfa *tramite ir-registratur taghha illi mis-sistema komputerizzata d-Deputat Registratur nizlet kopja tax-xhieda li inghatat f'din il-kawza u li ma tinsabx inserita fl-atti. Intqal ukoll illi l-verbali neqsin gew imnizzla mis-sistema u ghalhekk id-Deputat tinsab f'posizzjoni li tesebixxi tali dokumentazzjoni fl-atti.*

*Il-Qorti ordnat sabiex il-pertijiet f'din il-kawza jinghataw kopja ta' tali dokumentazzjoni bil-ghan li tigi verifikata minnhom bl-intendiment li wara din l-istss dokumentazzjoni tkun tista tigi inserita fl-atti.*

Rat ili dak inhar seduta stante Dr Azzopardi ghall-appellant issottometta illi *minkejja l-isforzi li qedin isiru biex jigi rikostruwit l-volum nieqes konsistenti fi 311 pagna u minkejja l-isforzi li qed isiru mill-Magistrat Inwkirenti , xorta tibqa tippersisti l-problema*

*insormontabbli illi hadd ma jsita jiddetermina jekk meta giet mghamula is-sentenza ta' l-ewwel qorti tali provi tad-difiza kontenuti f'dawn il-311 pagni kienux quddiem l-ewwel qorti biex setghet tiqshom fil-gudizzju taghha.*

Rat ix-xhieda tas **Supretendent Joseph Hearsey** moghtija nhar is-6 ta' Dicemrbu 2023 fejn stqarr li gie infurmat minn wiehed mill-Ispetturi investigativi li fis-29 ta' Novembru 2023 il-pulizija bhala parti mill-Inkjesta fil-prezenza tal-Magistrat Inkwirenti kellmu tnejn minn nies - wiehed minnhom l-imputat appellant fejn dawn it-tnejn ghazlu li ma jirrispondu ghall-ebda domanda li saritilhom. L-inkjesta kienet ghadha miftuha pero' ma kien gie registrat l-ebda progress fiha.

Rat dak li gie verbalizzat fis-seduta tal-25 ta' Jannar 2024 fejn Dr Azzopadi ghall-appellant irrileva *li fil-mori tad-differiment irrizulta li fost il-provi neqsin hemm ricevuti ta' hsara maghmula fuq il-post tax-Xlendi fejn il-pulizija faqghu l-panew tal-bieb biex setghu jaccedu gol-proprjeta tal-akkuzat bil-lejl fejn sabuh rieqed, (2) DVD's prezentati mill-akkuzat kif ukoll ir-relazzjoni tal-Perit Ray Agius li kejjel id-distanza mill-parapett tal-ghassa ta' Victoria sal-punt li xehed dwaru l-pulizija li juri li dan ma kienx kedibbli,*

Ghalhekk id-difiza filwaqt li tibqa' tinnota illi l-prosekuzzjoni ghadha qatt ma kkundannat dan l-attakk fuq ir-retta tal-amminsitrazzjoni tal-gutizzija talbet lil din l-Onorabbli Qorti tghaddi biex tannulla s-sentenza stante li zgur mhux possibli li jigi determinat jekk il-Magistrat kellux il-provi tad-difiza kollha quddiemu meta ddelibera u pronunzja s-sentenza,

Dr Azzopardi ghal kul buon fini ddikajra *li inghata debitament kopja tal-inkartament rikostruwit u wara li ezaminah bir-reqqa qed jiddikjara illi l-inkartament huwa inkomplet u l-paginazzjoni ma taqbilx*.

L-Avukat Generali iddikjara ghal dak dikjarat minn Dr Azzopardi li ghalkemm l-atti li gew mibghuta lilu huma korretti xorta jibqa' l-fatt li hemm numru ta' dokumenti u rapporti neqsin. L-Avukat Generali abbraccja ruhu mat-talba tad-difiza sabiex tinghata sentenza minn din il-Qorti.

Rat il-verbal ta' l-istess jum fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza.

Ikkunsidrat

Illi qabel ma din il-Qorti tista' tittratta mal-aggravji sollevati mill-appellant fir-rikors tal-appell tieghu trid tittratta l-aggravju li inholoq wara li r-rikors tal-appell gie intavolat liema aggravju jista' jigi sollevat mill-Qorti stante li huwa ta' natura pubblika u cioe' dik tan-nullita imqajma mill-avukat difensur fl-ahhar seduta li inzammet quddiem din l-istess qorti

Illi huwa indubitat li f'dan il-process kif stqarrew il-partijiet fl-ahhar seduta mizmuma quddiem din il-Qorti li hemm numru ta' dokumenti neqsin flimkien ma xi atti ohra li kienu gew prezentati quddiem l-ewwel qorti kif sahansitra anke jirrizulta mill-paginazzjoni tal-atti. Illi d-difiza qed titlob lil din il-Qorti tghaddi biex taghti sentenza ta' nullita minhabba dan in-nuqqas lampanti.

L--**artikoli 594 tal-kap 12** rigward it-tehid tax- xhieda japplika ghal proceduri kriminali permezz tal-**artikolu 520 tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta** jipprovdi is-egwenti:-:

> 520. (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan il-Kodiċi, id-dispożizzjonijiet li ġejjin tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili għandhom, ħlief sa fejn hu provdut xort'oħra f'dan il-Kodiċi, jgħoddu *mutatis mutandis* għall-qrati tal-ġustizzja kriminali:
>
> (d) l-artikoli 558 sa 662 li għandhom x'jaqsmu ma' xiehda b'mod ġenerali; u

Issa l-**artikolu 594 tal-kap 12** jipprovdi li:

> *594. (1) Is-sustanza tat-tweġibiet mogħtija mix-xhieda għandha tiġi mniżżla. Kull tweġiba li jista' jkollha b'mod sostanzjali mal-meritu tal-kawża għandha tiġi mniżżla kelma b'kelma: Iżda fil-qrati inferjuri, ikun biżżejjed li n-notament tax-xiehda jitniżżel fil-qosor.*

Illi fil-kaz in desamina ma jsitax jinghad li dan sar ghaliex ghad hemm numru ta' dokumenti, rapporti u xhieda neiqsa mill-process.

Illi l-**artikolu 382 tal-kap 9** tal-kodici Kriminali jipprovdi li

> *382. Il-Qorti, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid il-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodici jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat.*

L-interess ġuridiku tutelat b'din id-disposizzjoni u l-interpretazzjoni mogħtija lilha mill-ġurisprudenza iddur madwar il-fatt li n-nuqqas t'osservanza ta' dawn ir-rekwiżiti jista' joħloq inċertezza fil-moħħ tal-imputat għal dak li jirrigwarda d-dikjarazzjoni ta' ħtija fil-konfront tiegħu. Fi kliem ieħor, minn qari tal-parti operativa tas-sentenza, l-imputat irid ikun f'pożizzjoni illi jifhem b'mod ċar il-bażi legali tal-ħtija tiegħu u l-fatti li fuqhom il-Qorti tkun hekk qiegħda ssibu ħati. Il-ġurisprudenza ma tippermettix wisq imprećiżjonijiet li jolqtu s-sustanza ta' dan l-interess ġuridiku tutelat. Issa kif nsitghu nghidu f'dan il-kaz li l-imputat appellant setgha jaf b'mod car il-bazi legali tal-htija tieghu jekk fil-process kien hemm numru sostanzjali ta' dokumenti nieqsa. Zgur li l-ewwel qorti ma haditx kont ta' dawn l-atti li minn dak li qal l-avukat difensur huma bazikament id-difiza tieghu u b'hekk k-ewwel qorti ma ghamlitx apprezzament tajjeb tal-fatti li sawru l-kaz u ma setghetx tkun f'posizzjoni li tghid il-fatti li taghhom l-appellant instab hati peress li ma kellhiex quddiema l-fatti kollha.

L-**artikolu 382 tal-Kodici Kriminali** jammonta ghal nuqqas ta' formalita' sostanzjali w indubbjament dan in-nuqqas tal-Ewwel Qorti jgib in-nullita' tas-sentenza appellata w jintitola lil din il-Qorti li thassar is-sentenza w tiddeciedi l-kawza hi stess fuq il-mertu, meta ssib li tkun inkisret jew li ma saritx xi formalita' li trid il-ligi taht piena ta' nullita' jew li tkun xort' ohra sostanzjali a tenur tal-**artikolu 428 (3)** tal-istess Kodici Kriminali. (Appell Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Mario Agius**[5]" u ohrajn )

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed tiddisponi mill-appell billi thassar u tannulla s-sentenza appellata w konsegwentement, sabiex ma tipprivax lill-partijiet,

[5] Deciz nhar it-3 a Frar 1995

partikolarment lill-imputat, mill-beneficcju tad-*doppio esame*, qed tibghat il-process lura lill-Ewwel Qorti biex il-kaz jerga' jigi deciz mill-gdid skont il-ligi anki fid-dawl tal-principji ta' dritt fuq enuncjati.

Dr Consuelo Scerri Herrera

Onor. Imhallef